It-Tlieta, 19 ta' Ġunju 2007

P6_TA(2007)0249

Garanzija Komunitarja lill-EIB (verżjoni kodifikata) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment għal telf minħabba self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (L-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi tal-Mediterran, l-Amerika Latina u l-Ażja u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel) (verżjoni kodifikata) (COM(2006)0419 — C6-0302/2006 — 2006/0139(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0419),

— wara li kkunsidra Artikolu 181a tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0302/2006),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi [1],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80, 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0040/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

P6_TA(2007)0250

Il-protezzjoni tal-majjali (verżjoni kodifikata) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (verżjoni kodifikata) (COM(2006)0669 — C6-0430/2006 — 2006/0224(CNS))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0669),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0430/2006),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi [1],

[1] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80, 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0041/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0251

Trobbija ta' annimali ta' razza pura ta' l-ispeċi ta' l-ifrat (verżjoni kodifikata) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar trobbija ta' annimali ta' razza pura ta' l-ispeċi ta' l-ifrat (verżjoni kodifikata) (COM(2006)0749 — C6-0002/2007 — 2006/0250(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni — kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0749),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 37 u 94 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0002/2007),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġiżlattivi [1],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80, 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0164/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

[1] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

P6_TA(2007)0252

It-trade mark Komunitarja (verżjoni kodifikata) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-trade mark Komunitarja (verżjoni kodifikata) (COM(2006)0830 — C6-0050/2007 — 2006/0267(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni — kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0830),